MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

It-Tlieta 24 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI**

***Michaela Noelene Zammit*** – *Ambaxxatrici*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Novembru 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

### 2.3 Punti mqajma mill-Minuti

2.31 Mis-Seduta 12.16 – Is-Sinjura Speranza Chircop ikkonfermat formalment illi d-dekasteru tal-Pubblikazzjonijiet li fil-preżent huwa dekasteru tagħha ser tkun qed tgħaddih lill-Kunsillier Pawlu Bongailas, kif ġie diskuss fis-Seduta preċedenti għal fatt li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol fuq il-Pubblikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel dwar dan unanimament.

2.3.2 Punt 3.1 mis-Seduta 12.16 – Is-Seg.Eżek. spjegat illi il-'Wee Trolleys' jistgħu jitpoġġew fil-lokal tal-Kalkara bla ebda ħlas minn naħa tal-Kunsill kif ukoll m'hemmx ħlas involuti fil-ġbir tagħhom.

Il-Kunsill qabel illi għandhom jitpoġġew 3 'trolleys' madwar il-lokal f'postijiet ċentrali bħala prova għal sitt xhur biex b'hekk ir-residenti jkomplu jitgħallmu dwar skart riċiklabbli.

Ser tkun qed tittella' notifika anka fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill bl-informazzjoni kollha fuq dawn il-'Wee Trolleys' qabel ma jkunu fil-postijiet diskussi mill-Kunsilliera.

2.3.3 Punt 3.3 mis-Seduta 12.16 – Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill dwar il-fatt illi tħassar il-Kunċert tal-Milied li kien jorganizza l-Kunsill flimkien mall-Parroċċa tal-lokal minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' loġistika minn naħa tal-Kor Parrokkjali stess.

## 2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.4.1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop tennet illi kif kien ġie diskuss fis-Seduta preċedenti lis-Sur Pawlu Bongailas kien ġie kkonfermat bħala l-persuna responsabbli minn Jum il-Kalkara bil-patt u l-kundizzjoni illi meta tkun qed tinħadem il-loġistika minnu u mis-Seg.Eżek. għal din is-serata tajjeb li qabel l-istess serata jiġu ppreżentati l-affarijiet lill-Kunsill kollu biex b'hekk kulħadd ikollu ċans li jagħti s-suġġerimenti tiegħu għal din is-serata għal qalb kulħadd.

2.4.2 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ippreżentat ittra mibgħuta lilha fuq il-problema ta' sewqan eċċessiv li qed ikun hemm fi Triq Santa Liberata, fejn minn qed jikteb l-ittra qed jagħmel talba biex jitkomplew it- 'Traffic Calmers' f'din it-triq kif sar fi Triq il-Missjoni Taljana aktar kmieni matul din is-sena.

Il-Kunsill qabel illi dan is-suġġeriment għandu jintbgħat lil TM minħabba li din it-triq hija kkunsidrata bħala waħda li taqa taħt il-Gvern Ċentrali biex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu passi profesjonali bħal dejjem minn naħa tagħhom.

2.4.3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop għarrfet lill-Kunsill dwar poġġaman li ser ikun qiegħed isir minn naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali fi Triq San Ġużepp fuq talba ta' residenti li jużaw dan il-passaġġ ta' spiss.

2.4.4 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar ilment m'għand resident li joqgħod fl-inħawi ta' Rinella Housing Estate rigward nuqqas ta' dawl fil-passaġġ li hemm f'dawn l-inħawi wara li l-Kunsill biddell id-dawl għal fanali dekorattivi fejn dawn ta' l-aħħar qed jagħtu 'nqas dawl minn dawk li kien hemm imwaħħlin qabilhom.

2.4.5 Is-Sinjura Speranza Chircop ser tkun qed iġġib permess mingħand ir-residenti ta' l-inħawi biex jiżdied fanal ma' faċċata minnhom biex b'hekk ikun hemm aktar dawl f'dawn l-istess inħawi.

Il-Kunsill qabel dwar il-punt imsemmi hawn fuq.

2.4.6 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar attivita' li ser tkun qed torganizza aktar tard fi Frar 2017 għal anzjani u l-Familja relatat mal-Karnival.

2.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat ittra mingħand Fr.Martin Mamo fejn qed jirringrazzja formalment lill-Kunsill għal fatt illi f'Jum il-Kalkara tas-sena 2016 ġie mogħti Ġieħ il-Kalkara.

## 2.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 2.5.1 Christopher Bruno – Vici Sindku

A is-Sur Chris Bruno reġa fakkar lis-Seg.Eżek. tagħmel rapport formali fuq il-palm tal-bajtar li qed jagħtu għal fuq il-bankina fi Triq il-Missjoni Taljana minħabba li għadhom ma ġewx miżbura mill-propjetarji rispettivi u qed ikunu ta' periklu għal minn ikun għaddej bil-mixi minn dawn l-inħawi.

### 2.5.2 **Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

A: Is-Sur Pawlu Bongailas għarraf lill-Kunsill illi nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2016 kien attenda Kors jikkonċerna il-Midja Soċjali / Internet / Website u dak kollu li għandu x'jaqsam, li jiġi wżat mill-Kunsill Lokali.

B: Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn illi l-Kunsill jitkellem ma' l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ u jara għalfejn din għandha titlu bħal dan mingħajr ma' tattendi għal l-ebda laqgħa jew attivita tal-Kunsill.

Ċ: Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tieħu ħsieb palma marida fi Triq Marina minħabba li qed tiġi deterjorata kuljum dejjem aktar gravi.

D: Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tibgħat email formali lil TM rigward it-'Traffic Calmers' li twaħħlu fi Triq il-Missjoni Taljana fejn hemm waħda minnhom partikolari qed iżomm ħafna ilma magħha bil- konsegwenza illi l-karozzi mhux qed jarawha u tista ssir xi ħsara.

E: Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi għal sena oħra l-attivita' tat-tfal li saret fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara kien reġa tkanta l-Innu Malti mat-tlugħ tal-Bandiera fejn assolutament irid jibda jiġi jitkanta l-Innu tal-Kalkara wara li l-Kunsill kien ta' il-mużika u l-kliem lil l-iskola Primarja fis-snin preċedenti. Enfasizza wkoll li l-Innu Malti jitkanta

biss mat-tlugħ tal-Bandiera Maltija u ma' l-ebda Bandiera oħra. Qal ukoll li ilu għal dawn l-aħħar 4 snin jiġbed l-attenzjoni fuq dan il-punt.

Is-Sinjura Maria Sultana ħadet nota u ser tkun qed tgħaddi dan il-punt lill-Kap tal-iskola peress li kien hemm minn Kap għal oħra u b'hekk forsi dan il-punt ġie minsi minn naħa tagħhom.

F: Is-Sur Palwu Bongailas staqsa rigward għalfejn dejjem jintuża l-istess 'Caterer' għal Jum il-Kalkara. Saħaq ukoll illi kien hemm żewġ żbalji minn naħa tal-ħaddiema ta' dan il-'Caterer' fejn ġie mqassam xi nbid lin-nies qabel il-ħin tal-bibita kif ukoll l-ikel ma kienx qed jiġi milħuq minn nies preżenti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet kif suppost għal 'Caterer' li jintuża f'din is-serata mis-sena li ġejja.

Ġ Is-Sur Pawlu Bongailas talab lill-Kunsill jgħaddi kritika / suġġerimenti għas-snin li ġejjiejn biex Jum il-Kalkara titjieb dejjem minn sena għal oħra.

Ġa: Is-Sinjura Speranza Chircop uriet id-dispjaċir għal fatt illi ċertu nies qamu u telqu fin-nofs tal-Kunċert wara li forsi kien ġie mogħti lilhom xi ħaġa f'isem il-Kunsill.

Is-Sur Pawlu Bongailas spejga illi din il-persuna u l-familja telqu minhabba li dan kien anzjan u għandu problema biex jagħmel ħafna ħin bilqegħda. Filfatt is-Sur Pawlu Bongailas kien avżat minn qabel li kienu ser jitilqu kmieni. Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi hija tkellmet in ġenerali u mhux fuq persuna partikolari fejn hi taf illi ma' tista tobbliga lil ħadd jibqa', pero' bħala etikett ma' titlaqx f'nofs kunċert.

Ġb: Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hemm bżonn illi Jum il-Kalkara tinbidel minħabba li l-Banda ma tintlaħaqx tajjeb minn kull eta'. Tajjeb illi jiġu nvoluti artisti mill-lokal bħal kantanti żeffiena eċċ. biex b'hekk is-serata tkun imżewqa affarijiet differenti u mhux banda biss.

Ġċ: Is-Sur Vince Bongailas saħaq ukoll illi l-preżentaturi ma kienx posthom taħt il-palk imma kellhom jippreżentaw minn fuq il-palk għaliex minn wara l-anqas biss kienu qed jidhru.

Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Sur Vince Bongailas iġiblu lista ta' artisti tal-lokal biex b'hekk il-Kunsill jieħu nota tagħhom għas-snin li ġejjien.

H: Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Sur Chris Bruno itiħ il-ġranet eleġibbli tiegħu biex fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar jibdew il-laqgħat maż-żewġ Każini tal-Baned sabiex għas-sena 2017, u jibdew isiru id-diskussjonijiet biex jekk huwa possibli din is-sena, jingħaqdu flimkien biex jagħtu kunċert ta' Jum il-Kalkara.

Din il-laqgħa ser tkun qed tiġi kkordinata miż-żewġ Kunsilliera imsemmijha fejn ser ikunu qed jgħarrfu lill-Kunsill dak kollu dwar id-data, il-ħin u l-ftehim li jkun intlaħaq maż-żewġ Każini tal-Baned.

### 2.5.3 Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier

A Is-Sur Vince Bongailas għarraf lill-Kunsill li ser ikun qiegħed jaħdem f'isem il-Kunsill Lokali flimkien ma' l-iskola Primarja biex mis-sena 2017 jibdew jingħataw 'Fitness/Nutrition Classes' darbtejn fil-ġimgħa b'xejn lir-residenti minnu personali bla ebda ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn is-sezzjonijiet għal benefiċċju tar-residenti.

## 2.6 Rapporti

2.6.1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar permess li ġie approvat mill-MEPA fuq xogħolijiet f'residenza privata fi Triq San Mikiel, fejn il-propjetarju diġa kien ċempel il-Kunsill biex jikseb x'informazzjoni dwar permessi u ħlasijiet.

Peres li kien inqala diżgwit f'dawn l-istess inħawi fuq residenza li kienet qed tiġi rranġata aktar kmieni fis-sena 2016 il-Kunsill iddeċieda li jinfurmaw minn qabel lil residenti li joqgħodu fl-inħawi minn qabel x'ser ikun qiegħed jiġri kif ukoll jitħalla aċċess fit-taraġ ta' dan is-sit għal l-unika resident li joqgħod fih.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi l-ħajt ta' dan l-istess taraġ imsemmi hawn fuq għandu jiġi rrapurtat biex jiġi rrangat mill-aktar fis possibli għaliex kull ma jmur qed isir vera perikoluż minnħabba li ddeterjora ruħu bl-elementi.

Il-Kunsill qabel illi avolja dawn ix-xogħlijiet ser ikunu ta’ skomdu għar residenti ta’ l-inħawi u la l-permess tal-MEPA huwa maħruġ kif suppost il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni fuq dawn ix-xogħlijiet.

2.6.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email formali li rċeviet mingħand is-CEO tal-Malta Maritime School fejn għal din l-aħħar sena il-Kunsill irraporta għal ħafna drabi l-ħajt li jaqa’ taħt din l-istess skola li jagħti għal taraġ miftuħ għal pubbliku fil-Kalkara biex jiġi rranġat minnufih minħabba li kienu qegħdin jaqaw gebel kbar mill-passaġġ minn fejn jagħddu in-nies.

Is-CEO qal illi l-Kunsill għandu jieħu konsiderazzjoni li dan it-taraġ jiġi magħluq għan-nies minħabba raġunijiet ta’ safety. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment u jrid ikompli jinforza kif jista biex dan il-ħajt jiġi rranġat minnufih.

2.6.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar problema ta’ dawl mal ġenb tal-Knisja Parrokkjali tal-lokal, fejn aktar kmieni f’din is- sena kienet niżlet hi flimkien mas-Seg. Eżek. u ma’ rappreżentant ta’ l-Enemalta fejn spjegalhom illi d-dawl kien qiegħed imqabbad ħażin ħabba raġunijiet varji.

Il-Kunsill iddeċieda illi għandu jispjega lill-Kappillan din is-sitwazzjoni skomda kif ukoll il-Kunsill lest li jgħin biex dan id-dawl jitqabbad ma’ l-arloġġ tal-Knisja stess peres li dawn l-inħawi jaqa taħt il-Knisja Parrokkjali

Is-Sinjura Marija Sultana issuġerit illi l-Kappillan għandu jikkonferma hu stess minn fuq xi pjanta ta’ Perit li dan is sit huwa tal-Knisja stess qabel ma naqtgħu il-kundanna.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tieħu ħsieb illi torganizza laqgħa biex il-punt imsemmi hawn fuq jiġi diskuss u rranġat fl-inqas żmien possibli minħaba id-dlam li hemm fil-preżent.

## 2.7 *Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

2.7.1 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat ittra mibgħuta lill-Kunsill minn resident li joqgħod Triq Santu Rokku fejn dan qed jitlob li ssirlu ‘culvert’ fit-triq quddiem il-propjeta’ tiegħu biex l-ilma tax-xita jinżel kif suppost peres li hu qed itenni li t-triq maqluba f’dawn l-inħawi.

Il-Kunsill qabel unanimament li peres li din it-triq ma taqax dirett taħt il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan ix-xogħol isir minn naħa ta' dan ir-resident li qed jagħmel din it-talba għal benefiċċju tiegħu bil-permessi kollha neċessarji li għandu bżonn.

## 2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Amministrattiv/i

Ma kienx hemm

## 2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

**Ma kienx hemm**

## 2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.10.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 12.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 2.11 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 2.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |